# IFTAĦ QALBEK

## Is-Saħħa Mentali fil-Komunitajiet LGBTIQ

## Xi fatti:

Skont l-Istħarriġ II tal-UE dwar l-LGBTI, fil-5 snin qabel l-istħarriġ, 17 % tal-Maltin li wieġbu qalu li esperjenzaw attakk sesswali jew fiżiku, bi 22 % minn dawn qalu li dan sar minn membru tal-familja u 42 % qalu li esperjenzaw fastidju, 13 % minnhom minn membru tal-familja

L-individwi LGBT huma 3 darbiet aktar probabbli mill-kontropartijiet eterosesswali ċisġeneru tagħhom li jesperjenzaw kundizzjoni tas-saħħa mentali

Iż-żgħażagħ LGBT huma 4 darbiet aktar probabbli li jipprovaw jagħmlu suwiċidju, jesperjenzaw ħsibijiet suwiċidali u jweġġgħu lilhom infushom, meta mqabbla maż-żgħażagħ eterosesswali sisġeneru

Huwa stmat li 20-30 % tal-individwi LGBT jabbużaw minn sustanzi, meta mqabbla ma' madwar 9 % tal-popolazzjoni ġenerali


**Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem**
A3 Towers, Level 0,
Triq l-Arkata
Paola PLA1211

www.humanrights.gov.mt
www.facebook/HRDmt
lgbtiq@gov.mt



transform

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

UZ GENT · UNIVERSITEIT GENT · ILGA EUROPE · Malta College of Family Doctors · MUMN Malta Union of Midwives and Nurses · TGEU · Steward Malta

Dan il-proġett huwa ko-finanzjat mill-Programm *tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza* (REC) tal-Unjoni Ewropea

## Introduzzjoni

Għalkemm ma tiġix diskussa ta' spiss, kwistjoni li hija prevalenti fost il-komunità tal-persuni Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru, Intersess u Queer (LGBTIQ) hija l-isfidi emozzjonali li jkollhom jiffaċċjaw matul ħajjithom.

Id-dipressjoni, l-ansjetà, l-istress, l-istigma, il-vizzji u kundizzjonijiet oħrajn tas-saħħa mentali sikwit ikunu diffikultajiet li tiffaċċja l-komunità LGBTIQ. Dawn ma jiġux iffaċċjati biss matul il-proċess ta' 'coming out' jew fil-fażi ta' tranżizzjoni, iżda matul il-ħajja kollha ta' individwu.

Meta l-persuni LGBTIQ iħarsu lejn id-dinja ta' madwarhom, ma jarawx ħafna mudelli eżemplari li jistgħu jħarsu lejhom għall-ispirazzjoni. Huwa biss dan l-aħħar li qed naraw persuni LGBTIQ ta' suċċess fid-dinja tan-negozju li jiddikjaraw is-sesswalità tagħhom fil-beraħ, koppja tal-istess sess li jrabbu t-tfal, jew persuni LGBTIQ akbar fl-età li jitkellmu liberament dwar l-esperjenzi tal-passat tagħhom.

L-istress ta' minoranza jista' jwassal għal disparitajiet tas-saħħa spiss ikkaġunati minn kultura ostili u LGBTIQ-fobika, li ħafna

## 'Coming Out'

Din sikwit tkun waħda mill-aktar fażijiet diffiċli fil-ħajja ta' persuna LGBTIQ. Il-maġġoranza jkollhom bżonn joħorġu diversi drabi fi sferi soċjali differenti.

L-inkwiet dwar kif il-familja, il-ħbieb u l-kollegi jistgħu jirreaġixxu jista' jkollu impatt fuq is-saħħa mentali, l-istess bħar-reazzjonijiet negattivi li jistgħu attwalment jirċievu meta jistqarru s-sesswalità tagħhom.



## Il-Vjolenza f'Relazzjoni Intima

L-individwi LGBTIQ jistgħu jesperjenzaw relazzjoni abbużiva ma' sieħeb/sieħba jew ex sieħeb/sieħba. Is-servizzi psikosoċjali kultant jistgħu ma jirriflettux lil kulħadd fis-soċjetà u jpinġu s-servizzi tagħhom bħala esklussivament intiżi għal nisa ċisġeneru f'relazzjonijiet eterosesswali.

Jista' jkun ukoll aktar diffiċli għal persuni LGBTIQ li jfittxu appoġġ minn servizzi ta' vjolenza domestika, minħabba li jaħsbu li dan jista' jirrifletti ħażin fuq komunità diġà stigmatizzata.

## Mistħija u stigma

Il-biċċa l-kbira tal-persuni LGBTIQ jesperjenzaw mistħija f'xi punt f'ħajjithom u jisfaw fil-mira ta' stigma matul ħajjithom kollha. Minkejja ż-żieda fl-aċċettazzjoni, xi whud xorta għandhom it-tendenza li jgħaddu ġudizzji negattivi dwar persuni LGBTIQ, billi jsostnu li l-identità ta' persuna LGBTIQ tista' tinbidel jew li din mhijiex naturali, twassal għad-dnub jew hija ta' ħsara għat-tfal, li kollha jistgħu jwasslu biex persuna ssir tobgħod lilha nnifisha. L-esperjenzi ta' diskriminazzjoni jħallu impatt fuq is-saħħa mentali tal-persuni LGBTIQ u jistgħu jwasslu għal ansjetà jew dipressjoni.



## Disturbi alimentari (eating disorders)

Il-persuni gay, l-irġiel bisesswali u n-nisa trans huma f'tendenza akbar li jirrapportaw li jkunu qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' disturb alimentari. Dan huwa riżultat ta' pressjonijiet li jiġu minn ġewwa l-komunità nnifisha, kif ukoll mis-soċjetà usa'.

## Abbuż ta' sustanzi

L-abbuż ta' sustanzi jista' jsir mod ta' kif il-komunità LGBTIQ tkampa f'sitwazzjonijiet diffiċli. L-istudji juru li l-persuni LGBTIQ huma f'riskju ogħla li jesperjenzaw xi forma ta' dipendenza fuq is-sustanzi, inklużi alkoħol, tabakk, kif ukoll drogi illegali.

## Min joffri l-għajnuna?

Is-Servizzi tal-Vjolenza Domestika fi ħdan l-Aġenzija APPOĠĠ għandhom l-għan li jappoġġaw lill-vittmi fi żmien ta' kriżi billi jipprovdulhom assistenza immedjata biex jissodisfaw il-ħtiġijiet immedjati tagħhom, jgħinuhom jiżviluppaw pjan ta' sikurezza, kif ukoll jipprovdulhom appoġġ kontinwu.

22959000 / 179
✉ dvu.fsws-appogg@gov.mt
www.fsws.gov.mt

**Dar Kenn Ghal Sahhtek**, hija faċilità residenzjali u tal-outpatients li tipprovdi trattament olistiku permezz ta' tim multidixxiplinarju ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa mmirat għal persuni li jbatu minn disturbi alimentari u obeżità.

21453690
https://www.facebook.com/kennghalsahhtek/

**Il-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru** tipprovdi firxa ta' servizzi speċjalizzati permezz ta' tim multidixxiplinarju mmirati għal persuni trans, li jinkludu servizzi ta' appoġġ psikosoċjali bħal ħidma soċjali, counselling u sessjonijiet psikjatriċi. Ir-riferiment għall-Klinika għall-Benesseri tal-Ġeneru jsir permezz ta' tabib tal-familja, ħaddiem soċjali jew psikologu/counsellor.

79500299
✉ transhealthcare.health@gov.mt
www.transhealth.gov.mt

**Kliniċi tas-Saħħa Mentali fil-Komunità**
Is-servizzi tal-Kliniċi tas-Saħħa Mentali Primarja u Sekondarja jiġu pprovduti fil-polikliniċi minn timijiet ta' infermiera, ħaddiema tal-kura, ħaddiema soċjali, psikologi, tobba speċjalizzati u psikjatri li jaħdmu flimkien biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kura tal-individwu. L-utenti tas-servizzi jingħataw

25456930/1

**Is-Servizzi ta' Kura** fi ħdan l-Aġenzija Sedqa huma mmirati għal nies bi problemi ta' alkoħol jew logħob tal-azzard kompulsiv u għall-familji tagħhom, kif ukoll għandhom l-għan li jappoġġaw lil persuni b'dipendenza fuq id-droga biex jgħinuhom jgħixu ħajja stabbli u jintegraw aħjar fis-soċjetà. Dawn huma komposti

23885110
✉ sedqa@gov.mt
www.fsws.gov.mt

**Ir-Rainbow Support Service** (RSS) jipprovdi servizzi ta' appoġġ psikosoċjali lil membri tal-komunità LGBTIQ u lill-membri tal-familja tagħhom. Ir-RSS jipprovdi wkoll diversi spazji soċjali sikuri permezz ta' diversi attivitajiet immirati lejn gruppi differenti fi ħdan il-komunità kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Ir-RSS jipprovdi wkoll konsultazzjoni u taħriġ lil professjonisti oħrajn li jaħdmu fl-oqsma soċjali u edukattivi.

79430006
✉ support@maltagayrights.org
www.facebook.com/rainbowsupportservice